**<u>Is-sistema tal-Punti Penali</u>**

Is-sistema tal-punti penali li qabel kienet tapplika biss għall-liċenzji proviżorji, mill-1 ta' Diċembru 2017 ser tapplika fuq il-liċenzji kollha. Din is-sistema qiegħda tiġi ntrodotta biex insaħħu r-responsabbilità fuq it-toroq tagħna u b'hekk inkunu qed ngħinu biex nipproteġu mhux biss il-ħajja tas-sewwieq u ta' kull min hemm fil-vettura, imma ukoll ta' sewwieqa oħra u ta' kull min juża t-toroq tagħna.

**<u>Kulħadd Responsabbli</u>**

Ir-responsabbilità li kull wieħed u waħda minna għandu meta jsuq hija waħda kbira. Ħafna drabi npoġġu lilna nfusna fil-periklu minħabba azzjonijiet żbaljati li nagħmlu waqt is-sewqan.

Il-kontravenzjonijiet li jipperikulaw ħajjitna u l-ħajja ta' ħaddieħor ser ikollhom numru ta' punti fuq il-liċenzja abbinati magħhom, apparti l-multa monetarja.

**<u>Kif Taħdem</u>**

Meta persuna tilħaq 9 punti, ser tirċievi ittra biex tiġi nfurmatha b'dan.

Meta persuna tilħaq 12-il punt f'perjodu ta' sena, il-liċenzja tiġi revokata.

Fejn il-liċenzja tas-sewqan tkun ġiet revokata għall-ewwel darba, is-sewwieqa għandhom japplikaw u jingħataw liċenzja tas-sewqan wara xahrejn mir-revoka. Is-sewwieqa m'għandhomx għalfejn jagħmlu t-test tas-sewqan mill-ġdid.

Jekk il-liċenzja tas-sewqan tkun ġiet revokata għat-tieni darba, f'perjodu ta' tlett snin, is-sewwieqa jistgħu japplikaw għal liċenzja tas-sewqan wara xahrejn mir-revoka, din id-darba jridu jagħmlu t-test mill-ġdid.

**<u>Kull kontravenzjoni minn dawn li ġejjin taffetwalek il-liċenzja.</u>**

| **<u>Kodiċi</u>** | **<u>Kontravenzjoni</u>** | **<u>Punto</u>** |
|---|---|---|
| AC-1 | Sewwieq li jonqos milli jieqaf wara inċident | 5-10 |
| CU-1 | Użu ta' vettura bi brejkijiet difettużi | 2 |
| CU-2 | Użu ta' vettura b'tyre/s difettużi | 2 |
| CU-3 | Użu ta' vettura bi steering difettuż | 2 |

| | | |
|---|---|---|
| CU-4 | Kawża ta’ periklu jew x’aktarx kawża ta’ periklu minħabba fit-tagħbija jew il-passiġġieri | 2 |
| RD-1 | Sewqan traskurat, negliġenti jew perikoluż | 3-11 |
| RD-2 | Qtil ta’ persuna mingħajr intenzjoni jew omiċidju kolpevoli waqt sewqan | 3-12 |
| RD-3 | Kawża ta’ mewt minħabba sewqan perikoluż | 3-12 |
| DD-1 | Sewqan jew tentattiv ta’ sewqan jew vettura taħt idejn persuna b’livell ta’ alkohol li jaqbeż il-limitu | 3-11 |
| DD-2 | Sewqan jew tentattiv ta’ sewqan meta s-sewwieq jonqos milli jipprovdi kampjun għall-analiżi | 3-11 |
| DD-3 | Sewqan jew tentattiv ta’ sewqan meta s-sewwieq ma jkunx fi stat minħabba fi drogi | 3-11 |
| IN-1 | Użu ta’ vettura mhux assigurata għal riskji kontra terzi | 6-8 |
| LC-1 | Sewqan xort’oħra milli skont il-liċenzja | 3-6 |
| LC-2 | Sewqan meta persuna jkollha skwalifika b’ordni tal-qorti | 6 |
| LC-3 | Nuqqas ta’ tiġdid ta’ liċenzja tat-triq tal-vettura | 3-6 |
| LC-4 | Nuqqas ta’ tiġdid ta’ liċenzja tas-sewqan | 3-6 |
| MS-1 | Daqq ta’ ħsejjes elettroniċi qawwijin minn vettura | 3 |
| MS-2 | Użu ta’ *mobile phone* waqt is-sewqan | 3-6 |

| | | |
|---|---|---|
| MS-3 | Sewqan mingħajr ċintorin tas-sigurtà | 3 |
| MS-4 | Tilbes jew tuża headphones jew apparat ieħor simili waqt is-sewqan | 3-6 |
| PH-1 | Sewwieq li jeċċedi s-sinjali jew ir-regolamenti tal-limiti ta’ veloċità skont il-klassifika tat-triq u t-tip tal-vettura | 3-6 |
| PH-2 | Kontravvenzjoni tar-regolamenti ta’ *pedestrian crossing* minn vettura miexja | 3-5 |
| TS-1 | Nuqqas ta’ tħaris tas-sinjali tad-dwal tat-traffiku | 3-5 |
| TS-2 | Nuqqas ta’ tħaris tal-linji bojod doppji | 3-5 |
| TS-3 | Nuqqas ta’ tħaris ta’ sinjal ta’ projbizzjoni ta’ direzzjoni tat-traffiku | 3-5 |
| TS-4 | Nuqqas ta’ tħaris ta’ sinjal li jipprojbixxi d-dħul ta’ vettura fi triq jew f’żona pedonali | 3 |
| TS-5 | Nuqqas ta’ tħaris ta’ sinjali li jipprojbixxu li vettura taqla’ vettura oħra | 3-5 |
| TS-6 | Nuqqas ta’ tħaris ta’ sinjal ‘Stop’ | 3-5 |
| TS-7 | Nuqqas ta’ tħaris ta’ sinjal ta’ direzzjoni tat-traffiku mandatorju | 3 |

**X'jiġri f'każ li persuna oħra, mhux is-sid, tkun qed issuq il-vettura?**

Il-kontravenzjonijiet kollha, ħlief għal dawk mill-i*speed cameras*,  jeħtieġu li uffiċċjal tal-Pulizija, tal-Lesa, jew ta' Transport Malta, jidentifikaw lis-sewwieq/a jew lill-passiġġiera li jwettqu l-kontravenzjoni.  Dawn tal-aħħar, f'każ li ma jkunux libsin iċ-ċintorin tas-sigurtá.  Għaldaqstant, il-punti penali jiġu applikati lil min wettaq il-kontravenzjoni.

***Speed Cameras***

F'każ ta' kontravenzjonijiet maħruġa mill-*ispeed cameras*, jekk min ikun qiegħed isuq fil-ħin li ssir il-kontravenzjoni ma jkunx sid il-karozza, hija r-responsabbilità ta' sid il-karozza li jinforma lill-awtoritajiet b'dan il-fatt.  Dan jista' jsir billi sid il-vettura jniżżel din il-formola ta' dikjarazzjoni mis-sit www.les.gov.mt, jimliha u jiffirmaha flimkien mas-sewwieq jew sewwieqa.